MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 495/2004

**Emanuel Formosa**

**vs**

**Charles Casha u Lucienne Portelli**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta: -

Illi in forza ta' skrittura datata 1 ta' Marzu 2000, l- attur ikkonceda lill- konvenut Charles Casha il- fond 16, Flat 1, "St Gaetan", Triq Joe Sciberras, Hamrun b' titolu ta' kera, b' diversi kondizzjonijiet fosthom li l- kirja tintemm fil- 31 ta' Jannar 2003 (Dok A).

Li l- konvenut dahhal tghix mieghu fl- istess fond lill-Luciennce Portelli minghajr ma ntalab il- permess tas- sid.

Illi permezz ta' diversi preavvizi kif ukoll permezz ta' ittra legali tat- 18 ta' Jannar 2003 (Dok B) il- konvenut intalab jirrilaxxa l- fond in kwistjoni fiz- zmien stabbilit, u gie offrut lilu extensjoni ta' xahar wiehed biss jekk huwa jaccetta li ghal dak ix-xahar huwa jhallas mitt lira ( LM 100 ) bil-quddiem, izda l- konvenut irrifjuta din il- kondizzjoni (ittra b' risposta Dok C).

Illi l- konvenut mhux biss ma hallasx il- mitt lira ( LM 100 ) indikati ghax- xahar ta' Frar 2003, izda sa minn zmien qabel huwa kien waqaf ihallas il- kera stabbilita ta' erbgha u sittin Lira fix- xahar, tant li akkumulawlu arretrati ta' kerha dovuti u mhux imhallsa fl- ammont ta' elf mija u tminja u erbghin lira ( LM 1148 ) u ghadhom dovuti u mhux imhallsa sal- lum.

Illi interpellat diversi drabi sia biex ihallas u sia biex johrog mill- fond huwa baqa' inadempjenti.

Illi l- konvenuti qed jokkupaw il- fond 16, Flat 1, "St Gaetan", Triq Joe Sciberras, Hamrun bla titolu u kien ghad hemm dovuti kirjiet mhux imhallsa fl- ammont ta' **elf mija u tminja u erbghin lira ( LM 1148 ),** u l- konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet validi x' jaghtu kontra t-talbiet attrici;

Talab ghalhekk lill- konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l- Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas- sentenza skond it- talba attrici bid-dispensa tas- smiegh tal- kawza ai termini ta' Artikoli 167 *et sequentia* tal- Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili;

2. Tiddikjara li l- konvenuti qed jokkupaw il- fond 16, Flat 1, "St Gaetan", Triq Joe Sciberras, Hamrun bla titolu u ghalhekk tipprefiggi zmien qasir u perentorju sabiex a tenur ta' Artikolu 167 subinciz (b) tal- Kap 12 tal- Ligijiet ta' Malta il- konvenuti jizgombraw mill- istess fond.

3. Tiddikjara li ghall- finijiet ta’ l- istess Artikolu 167 subinciz (b) tal- Kap 12 tal- Ligijiet ta’ Malta il- konvenut huwa dovut ihallas lill- attur kera dovuta fl- amont ta’ elf mija u tminja u erbghin lira ( LM 1148 ) u ghalhekk tordna lill- konvenut thallas lill- attur dik is- somma hawn fuq dikjarata dovuta lilu kif premess.

Bl- ispejjez, inkluz dawk ta’ l- ittra interpellatorja datati 18 ta’ Gunju 2002, 30 ta’ Novembru 2002, 18 ta’ Jannar 2003 u 17 ta’ Marzu 2003, u bl- imghaxijiet legali mit- 18 ta’ Jannar 2003 sal- pagament effettiv kontra l- konvenut, u z- zewg konvenuti gew ingunti ghas- subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-affidavit tal-attur;

Rat in-nota tal-konvenuti, tat-8 ta' Novembru 2004, a tenur ta' l-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-konvenuti naqsu li jipresentaw in-nota ta' eccezzjonijiet taghhom u ghalhekk il-konvenuti huma kontumaci ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Semghet lill-attur;

Rat il-verbl tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2004;

Ikkonsidrat:

Peress li mill-provi kollha prodotti t-talbiet tal-attur jirrizultaw sufficjentement ipprovati u ghalhekk jisthoqqilhom li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tal-attur u fl-ewwel lok tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw il-fond 16, Flat 1, St. Gaetan, Triq Joe Sciberras, Hamrun bla titolu u ghalhekk tiffissa t-terminu ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza li fih il-konvenuti ghandhom jizgumbraw mill-istess fond u fit-tieni lok tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur il-kera dovuta fl-ammont ta' elf mija u tminja u erbghin lira (Lm1148) u ghalhekk tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm1148 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------